

31997D0639

L 271/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.11.1997

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tad-19 ta' Settembru 1997****dwar regolament tekniku komuni għall-ħtiġiet ta' konnessjoni ta' *interface* ta' tagħmir terminali għal konnessjoni ma' linji mikrija diġitali mhux strutturati u strutturati ta' 34 Mbit/s****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(97/639/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/263/KEE tad-29 ta' April, 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar tagħmir terminali ta' telekomunikazzjoni<sup>(1)</sup>, inkluż r-rikonossiment reċiproku tal-konformità tagħhom, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) ta' din,

Billi l-Kummissjoni identifikat it-tip ta' tagħmir terminali li għalih regolament tekniku komuni huwa meħtieġ, kif ukoll dikjarazzjoni dwar il-qasam ta' applikazzjoni assoċjat miegħu;

Billi għandhom ikunu adottati l-istandards armonizzati korrispondenti, jew partijiet minnhom, li jimplementaw il-ħtiġiet essenzjali li għandhom jitbiddlu f'regolamenti tekniċi komuni;

Billi r-regolament tekniku komuni li għalih tippovdi din id-Deċiżjoni huwa bi qbil ma' l-opinjoni ta' ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-ħtiġiet għal tagħmir tekniku maħsub li jiġi konness ma' punt terminali ta' network

<sup>(1)</sup> ĠU Nru L 128, tat-23.5.1991, p. 1<sup>(2)</sup> ĠU Nru L 220, tal-31.8.1993, p. 1.

pubbliku tat-telekomunikazzjoni ta' linji diġitali mikrija ONP mhux strutturati (D34U) ta' 34 368 kbit/s jew linji diġitali mikrija ONP strutturati (D34S) ta' 34 368 kbit/s b'rata ta' trasferiment ta' informazzjoni ta' 33 920 kbit/s mingħajr restrizzjoni fuq kontenut binarju u li jaqa' fil-qasam ta' l-applikazzjoni tal-istandard armonizzat identifikata fl-Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regolament tekniku komuni li jkopri il-ħtiġiet ta' konnessjoni ma' tagħmir terminali.

*Artikolu 2*

1. Ir-regolment tekniku komuni għandu jinkludi l-istandard armonizzat mħejji mill-korp relevanti ta' standardizzazzjoni li jimplementa safejn ikun applikabbli l-ħtiġiet essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 4(d) u (f) tad-Direttiva 91/263/KEE. Ir-riferenza għall-istandard hija mniżżla fl-Anness.

2. It-tagħmir terminali kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma mar-regolament tekniku komuni li għalih jirreferi l-paragrafu 1, għandu jilħaq il-ħtiġiet essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 4(a) u (b) tad-Direttiva 91/263/KEE, u għandu jilħaq il-ħtiġiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarment id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE<sup>(3)</sup> u 89/336/KEE<sup>(4)</sup>.

<sup>(3)</sup> ĠU Nru L 77, tas-26.3.1973, p. 29.<sup>(4)</sup> ĠU Nru L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

*Artikolu 3*

Il-korpi notifikati nominati biex iwettqu l-proċeduri li għalihom jirreferi l-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/263/KEE għandhom, fir-rigward ta' taġmir terminali kopert bl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw li jkunu wżati l-istandards armonizzati li għalihom jirreferi l-Artikolu 2(1) fi żmien sena wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata għall-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, id-19 ta' Settembru, 1997.

*Għall-Kummissjoni*  
Martin BANGEMANN  
*Membru tal-Kummissjoni*

## L-ANNEX

**Riferenza għall-istandard armonizzat applikabbli**

L-istandard armonizzat li għaliha jirreferi l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni tkun:

Telekomunikazzjoni tal-Kummerċ (BTC);

34 Mbit/s linji mikrija, mhux strutturati u strutturati (D34U u D34S)

Ħtiġiet ġenerali ta' konnessjoni għall-*interface* ta' tagħmir terminali

## ETSI

Istitut Ewropew għall-Istandards fit-Telekomunikazzjoni

Segretarjat ETSI

TBR 24 - Lulju 1997

(minbarra d-daħla)

**Tagħrif addizzjonali:**

L-Istitut Ewropew għall-Istandards fit-Telekomunikazzjoni huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE <sup>(1)</sup>.

L-istandard armonizzat li għalih hawn referenza hawn fuq kien prodott skond Mandat maħruġ bi qbil ma' proċeduri rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE.

It-test sħiħ tal-istandard armonizzat li għalih hawn referenza hawn fuq jista' jinkiseb mingħand:

*Istitut Ewropej Standard ta' Telekommunikazzjoni*  
650 Route des Lucioles  
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,  
DG XIII/A/2 - (BU 31 1/7),  
Rue de la Loi/Wetstraat 200,  
B-1049 Brussel

---

<sup>(1)</sup> ĠU Nru L 109, tas-26.4.1983, p. 8.